MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1029/1997/1

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**1) Via Holidays & Travel Limited**

**2) Paul Agius**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta plc ikkoncediet "Overdraft Facilites" lill-konvenuta socjeta' kummercjali Via Holidays & Travel Limited bit-termini u l-kundizzjonijiet

imsemmija f’kuntratt ippublikat min-Nutar Carmel Mangion Bisazza datat 5 ta’ Frar 1993 (Dok. A);

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta’ kummercjali Via Holidays & Travel Limited fis-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, disa mija u disgha u tmenin liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm22,989.91) bilanc ghad-debitu fl-‘Overdraft Account’ ta’ Via Holidays & Travel Limited mal-Bank of Valletta plc (Dok B1 sa B87) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi b’zewg skritturi privati datati 8 ta’ Jannar 1993 u 5 ta’ April 1994, li qed jigu hawn ezibiti u mmarkati Dok C u Dok D rispettivament, il-konvenut Paul Agius iggarantixxa flimkien u ‘in solidum’ mas-socjeta’ kummercjali Via Holidays & Travel Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta plc id-debiti tal-istess socjeta’ kummercjali Via Holidays & Travel Limited mal-Bank of Valletta plc;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 6 ta’ Mejju 1996 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok E u Dok F , sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija :-
.
1) tikkundanna lis-socjeta kummercjali Via Holidays & Travel Limited u lil Paul Agius ihallsu flimkien u ‘in solidum’ bejniethom lis-socjeta attrici is-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, disa’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm22,989.91) bilanc ghad-debitu fl-‘Overdarft Account’ ta’ Via Holidays & Travel Limited mal-Bank of Valletta PLC. (Dok B1 sa B87), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 6 ta’ Mejju 1996 kontra l-konvenuuti li ukoll gew ingunti sabiex jidhru in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici Bank of Valletta plc debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

1. illi preliminarjament id-diretturi tas-socjeta’ eccipjenti ma kinux membri tal-Bord tad-Diretturi fid-data li l-facilitajiet bankarji gew koncessi mis-socjeta’ attrici u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti kollha tal-kaz u jirriservaw li jissottomettu nota ulterjuri t’eccezzjonijiet;

2. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tas-socjeta’ attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont minnha pretiz fic-citazzjoni mhuwiex dovut, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Agius fejn gie eccepit :

1. illi fl-ewwel lok il-konvenut Paul Agius qatt ma iffirma atti quddiem in-Nutar Carmel Mangion Bisazza izda quddiem in-Nutar Carmel Mangion;

2. illi fit-tieni lok l-obbligazzjoni ta’ Paul Agius ghall-hlas hija sussidarrja ghal dik tas-socjeta’ konvenuta l-ohra Via Holidays & Travel Ltd;

3. illi l-ammont pretiz mill-attur akkumula bhala kreditu favur l-istess kontra kull struzzjoni tal-konvenut Paul Agius lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas;

4. illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta Via' Holidays & Travel Ltd mhumiex ammissibli u ghalhekk ghandha tkun ikkundannata thallas l-ammont pretiz;

5. illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra s-socjeta' attrici bl-ispejjes;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Paul Agius debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Dicembru 1998 li bih gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia sabiex jisma l-provi bil-fakultajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Ottubru 1999 li bih gie revokat l-imsemmi inkarigu mghoti lill-Assistent Gudizzjarju;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-bank attur u tas-socjeta konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' April 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-Bank attur kien ikkonceda "overdraft facilites" lis-socjeta konvenuta. Jirrizulta ukoll li bhala konseguenza l-bank attur huwa kreditur tal-istess socjeta konvenuta fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa mija u disgha u tmenin liri maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm22,989.91) oltre l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament. Jirrizulta ukoll li l-konvenut Paul Agius, personalment, iggarantixxa 'in solidum' mas-socjeta' kummercjali konvenuta, a favur tal-bank attur, l-hlas lura tad-debiti tal-istess socjeta' konvenuta mal-istess bank;

Ghalhekk il-bank attur, permezz ta’ dawn il-proceduri, qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu, flimkien u ‘in solidum’ bejniethom, l-imsemmija somma flimkien mal-imghax ulterjuri;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li l-ammont pretiz mhux dovut;

Da parti tieghu l-konvenut Paul Agius jeccepixxi li l-obbligazzjoni tieghu ghal-hlas hi sussidarrja ghal dik tas-socjeta’ konvenuta. Jeccepixxi ukoll li l-ammont pretiz akkumula kontra kull struzzjoni tieghu lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas dan id-debitu. Jeccepixxi ukoll li l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta mhumiex ammissibli u b’hekk l-istess socjeta konvenuta ghandha tkun ikkundannata thallas l-ammont pretiz. Fl-ahhar nett jeccepixxi illi t-talbiet attrici huma nfondati;
Ghandu jinghad fil-bidu nett li jirrizulta li l-kuntratt relattiv ghall-koncessjoni tal-imsemmija facilitajiet bankarji kien gie pubblikat fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion. Hu evidenti li kull referenza ghal xi nutar iehor saret bi zball u b’hekk f’dan ir-rigward ma jirrizulta xejn irregolari fl-atti tal-presenti procedura;

Il-mertu ta’ dawn il-proceduri huwa l–ammont dovut lill-Bank attur mis-socjeta konvenuta wara li gew koncessi lill-istess socjeta konvenuta facilitajiet bankarji fil-forma ta’ “overdraft.” Kif gia gie dikjarat, l-ammont indikat fic-citazzjoni, oltre l-imghaxxijiet ulterjuri, jirrizulta dovut, kif ukoll jirrizulta li l-konvenut personalment iggarantixxa u obbliga ruhhu flimkien u “in solidum” mal-istess socjeta konvenuta ghall-hlas lura tal-ammonti kollha dovuti lill-bank attur. B’hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti. Kwestjonijiet ohra, b’mod partikolari kwestjonijiet bejn iz-zewg konvenuti huma rrilevanti ghal finijiet ta’ dawn il-proceduri u semmai dawn il-kwestjonijiet jistghu jkunu l-mertu ta’ proceduri ohrajn;

In effett il-konvenut Agius iddikjara li l-eccezzjoni tieghu, dwar li l-ammont pretiz  akkumula kontra kull struzzjoni tieghu lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas dan id-debitu, tirreferi ghaz-zmien fejn huwa ma kienx fil-kontroll tas-

socjeta konvenuta u cioe' minn meta huwa ghamel prokura a favur ta' Dr Anton Micallef fl-4 ta' Marzu 1996. Dwar dan ghandu jinghad li l-konvenut seta talab rendikont minnghand l-Avukat Micallef u seta ukoll jirrevoka l-istess prokura. Dan aktar u aktar meta jirrizulta li l-konvenut personalment kien ghamel il-garanzija in kwestjoni. Minn dan kollu jidher li ma sar xejn. Barra minn hekk l-Avukat Micallef personalment mhux parti f'din il-kawza;

In effett ukoll il-konvenut Agius xehed li huwa jaccetta li l-bank attur ghandu jiehu is-somma ta' Lm21,000 pero' jikkontesta l-bilanc ta' l-Lm1989.91. Huwa qal li dawn qed jigu kontestati peress illi huwa mhux a konoxjenza li dan l-ammont huwa dovut u li huwa ma jistax jikkonferma li dawn huma dovuti stante li huwa m'ghandux access ghal-kotba tan-negozju. Li hu zgur hu li tali sottomissjoni ma twassalx ghal konkluzjoni li l-imsemmi bilanc mhux dovut;

Gew sollevati kwestjonijiet rigwardanti it-tmexxija u l-gestjoni tas-socjeta konvenuta u tal-kont bankarju in kwestjoni. Fl-ambitu ta' dawn il-proceduri tali kwestjonijiet huma rrilevanti u jesorbitaw mill-mertu ta' din il-kawza;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti, filwaqt li l-eccezzjonijiet kollha taz-zewg konvenbuti ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha taz-zewg konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta Via Holidays & Travel Limited u lil konvenut Paul Agius ihallsu flimkien u 'in solidum' bejniethom lis-socjeta attrici is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u disgha u tmenin lira maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm22,989.91) bilanc ghad-debitu fl-'Overdarft Account' tas-socjeta konvenuta u dana flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------